# It-tqanqil ta' apprezzament letterarju fit-tagħlim tal-letteratura

*Christine Mifsud*

**Għandna nagħtu lill-istudenti ċ-ċans li jesprimu ruħhom dwar is-sillabu letterarju li qegħdin niktbulhom u li nippretendu li jistudjaw. Ma nistgħux nippretendu li t-tfal juru ħeġġa lejn dawk l-affarijiet li ma jagħmlux parti mid-dinja tagħhom. Dan jgħodd ukoll għal-letteratura. Ħadd m' għandu d-dritt li jippretendi mill-istudenti aktar minn dak li jistgħu joffru l-limiti personali tagħhom. Huwa neċessarju li t-tip ta' letteratura li nressqu lit-tfal tkun waħda valida, għax hekk biss jista' jkollok reazzjoni għal dak li qiegħed tressaq. It-tfal għandhom jiġu mħeġġa jesprimu ruħhom b'mod verbali quddiem l-oħrajn dwar dak li jkunu qraw. Hekk inkunu qegħdin inħeġġu lit-tfal japprezzaw xogħol letterarju b'mod awtonomu. X'jaħseb l-għalliem m'għandux ikun il-ġudizzju universali, il-ħsieb empiriku tal-klassi kollha, imma fil-klassi għandha titnissel pluralita' ta' kuxjenzi diversi.**

**"Għalliema mimlija entużjażmu u preparati tajjeb jimmotivaw il-qarreja jesprimi l-interess tagħhom u jinvolvu ruħhom"**



*CHRISTINE MIFSUD għandha B.A. (Gen) fil-Malti u l-Filosofija (1994) u P.G.C.E. fil-Malti (1995). Qiegħda tistudja għall-grad ta' M.A. fil-Malti. Għalliema fl-iskola primarja tal-Gżira.*

Bl-għajnuna ta' l-għalliem l-istudenti jiġu ppreparati għal dak li ser jaqraw fit-test. L-għalliem/a j/tinkorraġġihom jirriflettu fuq l-esperjenzi personali tagħhom imbagħad joħolqu rabta konkreta mal-kontenut letterarju. Din l-attività ġiet imsejħa "pre-reading activity" minn Carter and Long.Kull "pre-reading" jesiġi impenn emozzjonali; koerenza interna u tematika kif ukoll meta-lingwa; tagħti lit-tfal strutturi lingwistiċi/ letterarji biex ikunu jistgħu jagħmlu analiżi huma stess. Dan il-proċess jinkoraġixxi awtonomija fil-ħsieb. L-istudenti jitgħallmu jaħsbu; janalizzaw il-ħsibijiet ; jesponuhom f'ambjent demokratiku fejn l-ideat huma ttollerati miż-żewġ partijiet li jikkaratterizzaw it-territorju tal-klassi - l-għalliem versus l-istudent; l-istudent versus l-istudent.

Attività oħra li tagħmel parti mill-"pre-reading activity" hi l-"pyramid discussion". L-istudenti jibdew jiddiskutu fuq pjan estensiv, b'mod ġenerali, imbagħad jirristrinġu l-ideat tagħhom għal xi kunċett speċifiku. L-opportunità mogħtija lill-istudenti biex jikkultivaw l-emozzjonijiet tagħhom u l-qawmien ta' dawn l-emozzjonijiet mil-livell inkonxju għal dak konxju, hija meħtieġa biex l-istudenti jkunu jistgħu jgħaddu minn proċess ta' involviment ħaj waqt il-qari tat-test. Permezz tat-twaħħid bejn il-qari u d-diskussjoni, il-qarrej:

- jinvolvi ruħu fid-dinja li l-awtur ikun bena. Dan iseħħ permezz ta' l-abbiltà immaġinattiva li nassoċċjaw id-dinja maħluqa mill-awtur mad-dinja li nafu;
- jirrelata t-test ma' l-esperjenzi li għadda minnhom jew jista' jimmaġina lilu nnifsu jgħaddi minnhom;
- jipprova jinterpreta xi jrid ifisser l-awtur fit-test;

Ir-rappreżentazzjoni letterarja ta' l-esperjenza ħafna drabi tkun magħmula b'mod indirett. Dan iġiegħel lill-qarrej jipprova jislet il-messaġġ mistur fil-kuntest letterarju u jipprova jistħarreġ biex isib spjegazzjonijiet u tifsiriet.

Għalliem mimli entużjażmu, preparat tajjeb, li jħejji l-istudent biex jipparteċipa, jimmotiva l-qarrej u b'hekk ikun hemm aktar probabbiltà li l-qarrej jesprimi l-interess tiegħu u jinvolvi ruħu. Bosta għalliema jibbażaw il-lezzjoni tagħhom fuq għadd ta' domandi li jkunu jikkonċentraw fuq l-analiżi stilistika tat-test. Din l-attivita' għandha għadd ta' żvantaġġi:

- l-attenzjoni tiġi ffukata fuq aspetti mhux daqstant ta' importanza bħal xi rqaqat fit-terminoloġija letterarja. Ħafna drabi l-attenzjoni ta' l-istudenti tinħela fuq it-tifsir ta' xi kliem.
- Ħafna drabi l-lezzjoni tispiċċa "teacher - centred" fejn il-lezzjoni tispiċċa tinvolvi lill-għalliem/a biss.

## L-istudent bħala ċ-ċentru ta' l-attenzjoni

Lezzjoni li tiffoka fuq l-istudent u tqisu bħala ċ-ċentru ta' l-attenzjoni tgħinu jiżviluppa r-rispons u l-emozzjonijiet mistura ġewwa fih. L-istudenti jipparteċipaw; jaqsmu l-ideat tagħhom flimkien, jikkritikaw lilhom infushom u lil xulxin. Importanti ħafna li l-istudenti jkunu kapaċi jikkumentaw fuq it-test u jgħaddu gudizzju personali. Għalliem jista' jgħid li jkun irnexxa meta l-istudenti nfushom ikunu kapaċi jaqraw, jifhmu u janalizzaw it-test mingħajr l-għajnuna tiegħu. L-għalliem irid jiddeċiedi liema proċess hu l-aktar effettiv biex iwassal il-kontenut tat-test lill-istudenti. L-għalliem m'għandux jimponi l-interpetazzjoni personalizzata tiegħu fuq l-istudenti, bħala dik l-interpretazzjoni l-aktar korretta. Madankollu hija r-responsabbiltà ta' l-għalliem li jagħraf li l-interpretazzjonijiet żviluppati huma validi. It-tagħlim li jiffoka fuq l-istudent, isaħħaħ il-fehma li l-pjaċir imnissel fil-letteratura jibqa' jinħass wara li l-lezzjoni tkun ġiet fit-tmiem. L-għalliem għandu jintervjeni biex joffri sens ta' gwida; importanti li ma jimponix il-ħsibijiet tiegħu bħala dawk l-aktar korretti u li jagħmlu sens; madankollu huwa importanti li jagħti direzzjoni lit-tfassil tad-diskussjoni " the focus

on language should be integrated with a focus on the student's experience and that the various pre-post reading activities need to be integrated with a student - centered development of response for a test" (Carter & Long 1991).

L-awtonomija fl-istudent tkompli tissaħħaħ permezz ta' diversi mistoqsijiet. L-għan tal-mistoqsijiet huwa li jitqanqal dibattitu, li joffri pedament sod għat-tqanqil ta' apprezzament letterarju. Il-mistoqsijiet jistgħu jsiru mill-għalliem jew ikunu inkluzi fit-testi ta' studju. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jitwieġbu individwalment, fi grupp jew flimkien ma' l-għalliem. L-għan tal-mistoqsijiet għandu jkun li jgħin l-istudenti jifhmu l-kontenut kemm dak dirett, dak li jidher fil-wiċċ kif ukoll dak li jkun mistur fil-kuntest letterarju.

## Mistoqsijiet

Skond Elkins (1976) jeżistu żewġ tipi ta' mistoqsijiet;

*"low order"* ; dawn il-mistoqsijiet jitrattaw aspetti fattwali misjuba fil-kontenut; mistoqsijiet li jitrattaw tifsir ta' kliem u propożizzjonijiet kif ukoll taħriġ il-fehem.

*"high order"*; dawn il-mistoqsijiet jiffukaw fuq ir-rispons ta' l-istudenti għat-test li għandhom quddiemhom. Dawn it-tip ta' mistoqsijiet rari jkollhom tweġiba tajba li tkun waħda biss.

Jeżistu wkoll mistoqsijiet li jissejħu ;

*"open questions"*; L-istudenti jistgħu jimirħu kemm iridu meta jwieġbu dawn il-mistoqsijiet.

*"close questions"*; Jirrikjedu tweġiba waħda li tkun tajba u huma mibnija fuq informazzjoni eżatta.

Huwa ta' importanza li l-mistoqsijiet isiru b'mod gradat. L-għan tal-mistoqsijiet m' għandux jiffoka biss fuq il-kapaċita' ta' l-istudenti li jifhmu l-kontenut ; janalizzawh u jirreaġixxu għalih. Il-mistoqsijiet iridu jkunu kompattibli mal-livell konjittiv ta' kull student. B'hekk f'kull student jitqanqal ċertu grad ta' suċċess għal kull tweġiba korretta li jagħti. L-istudenti jridu jingħataw l-opportunita' li jwieġbu anki dawk il-mistoqsijiet li jistgħu jitqiesu xi ftit diffiċli għalihom. Il-kittieba Mary Lou White (1976), żviluppat għadd ta' kriterji li jistgħu jservu ta' għajnuna fil-kunxjentizzazzjoni ta' l-apprezzament letterarju. Il-punti li ġejjin jgħinu lill-għalliem/a j/tanalizza aktar fid-dettal it-test letterarju. B'hekk ikunu jistgħu jippreparaw aħjar il-lezzjoni.

Analiżi letterarja fuq sfond psikoloġika;

- Tiddeskrivi li hemm relazzjoni bejn biċċa xogħol letterarja u l-ħajja tal-qarrej.
- Tqabbel is-similaritajiet bejn ix-xogħlijiet ta' l-awtur u ħajtu.
- Tinterpreta t-tifsir ta' simboli użati fil-letteratura.

Tiddetermina kemm il-bixriet mogħtija lill-karattri illustrati fit-test letterarju huma realistiċi.

Analiżi letterarja fuq sfond soċjali

- Tagħżel partijiet mit-test li huma ta' natura propogandistika.
- Tikkonferma li partijiet mil-letteratura jippreżentaw viżjonijiet soċjali, politiċi jew ekonomiċi deskritti fl-istorja.
- Tagħraf tiddentifika kemm ir-reazzjonijiet tal-karattri għall-problemi u avvenimenti huma kompatibbli man-normi taż-żmien u tal-post.
- Tanalizza l-karattri li jitqisu bħala eroj.
- Tagħraf it-temi fl-istorja li jżiedu bixra realistika.
- Tagħraf tiddentifika l-karattri li huma relegati f'diversi klassijiet soċjali.
- Tagħraf tiddentifika kemm awtur għaraf jipproġetta karattri li jappartjenu fi klassijiet soċjali differenti, bl-istess mod.
- Tagħraf tanalizza kif il-forzi soċjali, ekonomiċi u politiċi ta' dak iż-żmien affettwaw il-ħajja tal-karattru.

Analiżi letterarja fuq sfond strutturali;

- Tagħraf l-iskema strutturali tax-xogħol.
- Tanalizza t-tifsir ta' xi kliem partikulari, frażijiet u metafori użati fil-letteratura.
- Tagħti t-tifsir ta' kliem skond l-interpretazzjoni l-aktar rikorrenti fil-letteratura biex kemm jista' jkun it-tifsir tal-kliem ikun jaqbel ma' l-intenzjoni ta' l-awtur.
- Tanalizza d-differenzi fit-tifsir letterali u figurattiv.
- Tagħraf l-użu ta' l-ironija
- Tqabbel poeżija jew biċċa xogħol letterarja ma' xogħol partikulari jew letterarju ta' natura tradizzjonali.
- Tagħraf il-kontradizzjonijiet fil-metafori.
- Tanalizza l-effett li xi kliem jew frażijiet iħallu fuq livell emozzjonali.

Meta nagħmlu l-għażla tal-kotba għandna nsaqsu lilna nfusna dawn il-mistoqsijiet;

- Il-kotba li għandhom quddiemhom it-tfal, iħajjruhom jużaw l-abbiltà imaġinattiva tagħhom?
- X'ser tkun ir-reazzjoni tagħhom għall-kotba - indifferenza, ironija, ħasra, umoristika, dwejjaq?
- Ser iħajjru lit-tfal isiru kurjużi u jġiegħluhom jiskopru aktar dwar it-tema tat-test?
- Ser iħajjru lit-tfal isiru konxji mill-istrutturi ta' l-istil?
- Il-karattri fit-testi u l-plots ser jgħinuhom jifhmu il-bniedem?

Finalment it-testi se jgħinuhom jieħdu gost li qegħdin jifhmu; li qegħdin jiskopru affarijiet li jistgħu jkunu ġodda għalihom jew jistgħu jirriflettu, xi ftit jew wisq lil ħajjithom?

Tajjeb li l-għalliema jagħtu ċans lit-tfal jissuġġerixxu xi titli ta' kotba huma stess kif ukoll jistħarrġu sew mal-librara dwar kotba ġodda li jappellaw u jistimulaw l-interess ta' l-istudenti.

Jekk l-għalliema jużaw l-istess metodoloġija, li thaddan dejjem l-istess proċessi, din tista' tillimita lit-tfal milli jitgħallmu alternattivi oħra u milli jikbru fl-abbiltajiet tagħhom li jirreaġixxu għal-letteratura bir-riżultat li jombraw il-letteratura nnifisha.( Axiaq u Sammut 1994; 77).

L-għalliema għandhom ikunu konxji tat-teknika li jgħaqqdu flimkien u jirrelataw kotba skond l-esperjenzi ta' l-istudenti. Biex it-tagħlim tal-letteratura jakkwista l-potenzjal kollu tiegħu, l-istudenti għandhom iġarrbu l-kotba. L-għalliema li jkunu qed iħejju l-kurrikulu tal-letteratura għandhom ikunu konxji ta' l-għan u tas-sekwenza (l-ordni ta' l-esperjenzi f'kull livell edukattiv). It-tfal għandhom jingħataw kemm jista' jkun opportunitajiet biex jirriflettu fuq il-letteartura minn angoli diversi , bil-għan li t-tfal ixettlu fihom reazzjonijiet għal-letteratura. Dan jista' jseħħ biss kemm-il darba l-għalliema jagħrfu jipprattikaw metodoloġija effettiva li tagħti spazju lil-kuxjenza kritika. M'hemm l-ebda teorija jew formula preskrittiva li biha wieħed jista' jqanqal fi student apprezzament letterarju lejn test partikulari. Jekk l-għalliem juża xi attivita' partikulari li biha jqanqal fi student A apprezzament letterarju lejn test jew ġrajja partikulari ma jfissirx li l-istess attività li ntużat ma' student A se tħalli l-istess riżultati u effetti ma' student B .

## Bibljografija


Carter & Long (1991). *Teaching Literature*, Longman.

Elkins D. (1976). *Teaching Literature, Designs for Cognitive Development* . Charles E.Merill Publishing Co.

Sammut A , Axiaq J. (1994). *Analiżi ta' Aspetti Letterarji Fil-Proża bil-Malti Għat-tfal f'Livell Sekondarji.* Università ta' Malta

White M. L. (1976). *Children's Literature, Criticism and Response.* Charles E.Merill Publishing Co, A.Bell and Howell Co.